MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-12 ta' Frar, 2008

Citazzjoni Numru. 632/2007

**Vella Group Limited (C22149).**

**vs**

**Guido Agius (I.D. 462553M).**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors guramentat ta' Vella Group Limited datat 11 ta' Gunju 2007 a fol. 1 tal-process, u John Mary *sive* Jimmy Vella, direttur u rapprezentant legali tal-kumpanija rikorrenti fejn esponew:-

Illi l-intimat huwa debitur tal-kumpanija rikorrenti fl-ammont ta' hamest elef disa' mija tnejn u erbghin liri Maltin u tmenin centezmu (Lm5,942.80) [€13843.00] oltre l-imghax legali rapprezentanti prezz ta' xoghlijiet ta' skavar u xoghlijiet ohra relatati mal-kostruzzjoni

maghmula mill-kumpanija rikorrenti fuq appalt moghti lilha mill-intimat gewwa l-fond tieghu f’ Hal Ghaxaq;

Illi ghalkemm interpellat diversi drabi sabiex ihallas l-ammonti dovuti minnu kemm kapitali kif ukoll l-imghax inkluz b’ ittra ufficjali datata 6 ta’ Gunju 2005 u ohra datata 17 ta’ Awissu u diversi ittri interpellatorja ohra, u ghalkemm l-intimat ammetta bil-miktub illi l-ammonti mitluba permezz ta’ dan ir-rikors huma dovuti, xorta naqas milli jhallas u ghalhekk il-kumpanija rikorrenti ma kelliex triq ohra hlief illi taghmel din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` rikorrenti titlob lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-intimat Guido Agius huwa d-debitur tal-kumpanija rikorrenti Vella Group Limited fis-somma ta’ hamest elef disa’ mija tnejn u erbghin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm5,942.80) [€13843.00] *oltre* l-imghax legali rapprezentanti prezz ta’ xoghlijiet ta’ skavar u xoghlijiet ohra relatati mal-kostruzzjoni maghmula mill-kumpanija rikorrenti fuq appalt moghti lilha mill-intimat gewwa l-fond tieghu f’ Hal Ghaxaq;

2. Tordna lill-kumpanija intimata thallas lill-kumpanija rikorrenti s-somma ta’ hamest elef disa’ mija tnejn u erbghin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm5,942.80) [€13843.00] *oltre* l-imghax legali rapprezentanti prezz ta’ xoghlijiet ta’ skavar u xoghlijiet ohra relatati mal-kostruzzjoni maghmula mill-kumpanija rikorrenti fuq appalt moghti lilha mill-intimat gewwa l-fond tieghu f’ Hal Ghaxaq.

Bl-ispejjez kontra l-intimat inkluz tal-ittra ufficjali datati 8 ta’ Gunju 2005 u 17 ta’ Awissu 2006 u tal-mandat ta’ sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment ma dan ir-rikors mahluf u bl-ingunzjoni tal-intimat ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta’ rikorrenti;

Rat illi r-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-intimat li naqas li jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqa’ kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta’ rikorrenti;

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ rikorrenti;

Ezaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, u fil-kontumacja tal-intimat din il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi** billi **tilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ rikorrenti** kif dedotti fir-rikors guramentat, b’dan illi:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-intimat Guido Agius huwa d-debitur tal-kumpanija rikorrenti Vella Group Limited fis-somma ta’ hamest elef disa’ mija tnejn u erbghin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm5,942.80) [€13843.00] *oltre* l-imghax legali rapprezentanti prezz ta’ xoghlijiet ta’ skavar u xoghlijiet ohra relatati mal-kostruzzjoni maghmula mill-kumpanija rikorrenti fuq appalt moghti lilha mill-intimat gewwa l-fond tieghu f’ Hal Ghaxaq;

2. Tordna lill-kumpanija intimata thallas lill-kumpanija rikorrenti s-somma ta’ hamest elef disa’ mija tnejn u erbghin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm5,942.80) [€13843.00] *oltre* l-imghax legali rapprezentanti prezz ta’ xoghlijiet ta’ skavar u xoghlijiet ohra relatati mal-kostruzzjoni maghmula mill-kumpanija rikorrenti fuq appalt moghti lilha mill-intimat gewwa l-fond tieghu f’ Hal Ghaxaq.

Bl-ispejjez kontra l-intimat inkluz tal-ittra ufficjali datati 8 ta’ Gunju 2005 u 17 ta’ Awissu 2006 u tal-mandat ta’ sekwestru li gie pprezentat kontestwalment ma dan ir-rikors mahluf.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------